

IL-QORTI ĠENERALI

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Ġunju 2017 – Ball Beverage Packaging Europe vs EUIPO

(Kawża T-9/15) ⁽¹⁾

["Disinn Komunitarju — Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità — Disinn Komunitarju rreġistrat li jirrappreżenta tliet laned — Disinn preċedenti — Raġuni għal invalidità — Karattru individwali — Impressjoni ġenerali differenti — Artikolu 6 u l-Artikolu 25(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 6/2002 — Numru ta' oġġetti li jikkostitwixxu oġġett wieħed — Portata tad-deskrizzjoni tad-disinn Komunitarju rreġistrat — Obbligu ta' motivazzjoni — Sostituzzjoni ta' parti fil-kawża"]

(2017/C 249/34)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Ball Beverage Packaging Europe Ltd (Luton, ir-Renju Unit), li ġiet ammessa biex tissostitwixxi lil Ball Europe GmbH (rappreżentant: A. Renck, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: S. Hanne, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Crown Hellas Can SA (Ateni, il-Greċja) (rappreżentanti: N. Coulson u J. Koepf, solicitors)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tielet Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-8 ta' Settembru 2014 (Każ R 1408/2012-3), fir-rigward ta' proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn Crown Hellas Can u Ball Europe.

Dispożittiv

- 1) Ball Beverage Packaging Europe Ltd hija ammessa sabiex tissostitwixxi lil Ball Europe GmbH bħala rikorrenti.
- 2) Ir-rikors huwa miċħud.
- 3) Ball Beverage Packaging Europe hija kkundannata għall-ispejjeż, inklużi l-ispejjeż indispensabbli sostnuti minn Crown Hellas Can SA għall-finijiet tal-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO).

⁽¹⁾ ĠU C 89, 16.3.2015

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Ġunju 2017 – Kiselev vs Il-Kunsill

(Kawża T-262/15) ⁽¹⁾

["Politika estera u ta' sigurtà komuni — Miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-Ukraina — Iffriżar ta' fondi — Restrizzjonijiet dwar dħul fit-territorju ta' Stati Membri — Persuna fiżika li tappoġġja attivament azzjonijiet jew politiki li jipperikolaw jew jheddu l-Ukraina — Obbligu ta' motivazzjoni — Żball manifest ta' evalwazzjoni — Libertà ta' espressjoni — Proporzjonalità — Drittijiet tad-difiża"]

(2017/C 249/35)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Dmitrii Konstantinovich Kiselev (Korolev, ir-Russja) (rappreżentanti: J. Linneker, solicitor, T. Otty, barrister, u B. Kennelly, QC)